# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 35**

**Rikors numru 1232/19/1 RGM**

**Ayman Khalaf**

**v.**

1. **Il-Prim Ministru ta' Malta;**
2. **Is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi;**
3. **Il-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Identita` Malta;**
4. **L-Aġenzija Identita` Malta; u**
5. **L-Avukat Ġenerali llum l-Avukat tal-Istat**

1. L-attur ġie rreġistrat bħala ċittadin Malti b'effett mid-9 ta' Ġunju 1999, wara ż-żwieġ tiegħu ma' mara Maltija fl-1995. Dan iż-żwieġ ġie dikjarat null u bla effett permezz ta' sentenza tal-14 ta' Diċembru 2001 u l-attur reġa' żżewweġ fil-25 ta' Settembru 2002, mil-liema żwieġ twieldu erbat itfal. L-attur jgħid li fit-28 ta' Frar 2019 ġie nfurmat mill-Kap tat-

Taqsima taċ-Ċittadinanza li kien ingħata ordni sabiex jiġi privat miċ-ċittadinanza tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 14(1) tal-Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta’ Malta. L-attur oġġezzjona għal din l-ordni u jilmenta li mhux biss ma ngħatax id-dokumentazzjoni li fuqha ġiet ibbażata l-inkjesta relattiva, iżda wkoll li l-Kumitat tal-Inkjesta qatt ma kkomunika d-deċiżjoni tiegħu miegħu, qatt ma pronunzja r-raġunament wara d-deċiżjoni u jekk hemmx xi vot li ttieħed jew li se jittieħed u minn min. Fit-3 ta’ Diċembru 2019 l-attur ġie nfurmat li s-Segretarja Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi tat l-ordni sabiex jiġi privat miċ-ċittadinanza b’effett immedjat malli jirritorna ċ-ċertifikati relattivi, u jilmenta li kien biss meta ġie notifikat bir-risposta tal-Avukat Ġenerali għall-mandat ta’ inibizzjoni li ntavola li ġie nfurmat li l-Kumitat tal-Inkjesta kien għadda sabiex jiċħad it-talba tiegħu, liema kumitat skont l-attur m’għandux id-deċiżjoni aħħarija u lanqas ikkonsidra l-profil sħiħ tiegħu.

2. F’dawn il-proċeduri huwa talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> “1. Tiddikjara ‘lli d-deċiżjoni tal-kumitat tal-inkjesta u sussegwentement u/jew konsegwentement id-deċiżjoni tas-Segretarja Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simiplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi datata it-2 ta’ Diċembru, 2019 (OPM/NAT 135/1995) huma lkoll nulli, invalidi, u mingħajr effett, u dan għar-raġunijiet provduti mill-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;
>
> 2. Tiddikjara li bl-egħmil amministrattiv tal-intimati jew min minnom kisru d-dispożizzjoni tal-artikolu 39[2] tal-Kostituzjoni ta' Malta kif rifless fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u dana meta ġie vjolat u mhux rispettat prinċipju ta' dritt naturali billi r-rikorrenti ma ngħatax smiegħ xieraq quddiem l-intimati jew min minnom għaliex ma ngħatax dettalji xierqa qabel is-smiegħ tal-kawża tiegħu, kif ukoll

ma ġiex mogħti deċiżjoni bir-raġunijiet illi wasslu għal tali deċiżjoni l-eżitu finali tal-kumitat tal-inkjesta;

3. Tiddikjara konsegwentement, bl-istess mod nulla, invalida u mingħajr effett kull deċiżjoni konsegwenti, u/jew sussegwenti, inter alia, il-komunikazzjoni tat-3 ta' Diċembru, 2019, iffirmata mill-Kap tat-taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Identita' Malta u dan għall-istess raġunijiet provduti mill-artikolu 469A tal-kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Tiddikjara u tiddeċiedi 'lli b'konsegwenza ta' dan l-egħmil amministrattiv, ir-rikorrent sofra danni, u tikkonferma illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għad-danni, u l-ispejjeż l-oħra sofferti mir-rikorrenti kif fuq spjegat;

5. Tillikwida id-danni sofferti mir-rikorrent;

6. Tikkundanna lill-initmati jew min minnhom sabiex iħallsu lir-rikorrent d-danni likwidati;

7. Tinibixxi definittivament lill-intimati milli jiddeprivaw lir-rikorrenti miċ-ċittadinanza tiegħu.

Bl-imgħax legali, u bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati, li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni".

3. Il-konvenuti eċċepew, *inter alia,* in-nullita` tar-rikors ġuramentat tal-attur għaliex ma saritx id-debita interpellazzjoni kif meħtieġ *ad validitatem* skont l-Artikolu 460(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u li l-Prim Ministru ta' Malta u l-Avukat Ġenerali mhumiex il-leġittimi kontradittturi f'din l-azzjoni, u fuq ordni tal-Ewwel Qorti tal-11 ta' Novembru l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet.

4. Bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Novembru 2020 ġie deċiż hekk:

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi kif gej:

1. Tichad l-eccezzjoni sollevata mill-attur li r-risposta guramentata tal-konvenuti hija nulla;

2. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti, tiddikjara null ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur fis-26 ta' Dicembru 2019 u konsegwentement tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju".

5. L-attur preżenta r-rikors tal-appell tiegħu fil-15 ta' Diċembru 2020 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt tikkonfermaha fejn ċaħdet l-eċċezzjoni tiegħu kontra l-validita` tar-risposta maħlufa tal-konvenuti, tirrevokaha u tħassarha fil-kumplament tagħha u minflok tgħaddi biex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u konsegwentement tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti għall-prosegwiment tal-każ fuq l-eċċezzjonijiet l-oħra u l-mertu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi esklussivament kontra l-appellati.

6. Il-konvenuti preżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom fit-22 ta' Diċembru 2020 permezz ta' liema ssottomettew li l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż kontra l-appellant.

**Ikkonsidrat;**

7. Permezz tal-ewwel aggravju l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ċaħdet is-sottomissjoni tiegħu li l-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta mhux applikabbli f'din il-kawża għaliex kien ġie ntavolat rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni. L-appellant

jargumenta li l-Artikolu 843 jagħti żmien ta' għoxrin ġurnata u l-attur m'għandux jiġi ppenalizzat għaliex il-Qorti ċaħdet il-mandat ta' inibizzjoni tiegħu. Jgħid li l-kawża odjerna ġiet istitwita fil-mori tal-mandat ta' inibizzjoni u għalhekk il-Gvern kellu d-debita interpellazzjoni neċessarja skont l-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk ma kienx hemm ħtieġa li ssir interpellazzjoni permezz ta' protest jew ittra ġudizzjarja. Isostni li dan ir-raġunament huwa bbażat fuq il-*buon sens* illi wara mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju li huwa istitwixxa biex jikkawtela d-dritt tieghu huwa naturalment ser jipproċedi b'kawża. Jargumenta li l-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li minħabba li l-kawża ġiet istitwita qabel id-digriet finali allura ma japplikax iż-żmien kontemplat fl-Artikolu 843 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija bbażata fuq l-għarfien li l-mandat ġiet miċħud, li fil-mument tal-intavolar tal-kawża huwa ma kellux. Jargumenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li huma biss ittra uffiċjali u protest ġudizzjarju li jissodisfaw il-vot tal-Artikolu 460(1) għaliex din hija interpretazzjoni restrittiva li tippremja l-formaliżmu esaġerat u tifga l-ġustizzja sostantiva għaliex l-iskop tal-ħtieġa tan-notifika lill-Gvern bil-pretensjoni tal-attur qabel l-intavolar tal-kawża ġie moqdi bin-notifika tal-mandat ta' inibizzjoni li kien jikkontjeni l-istess pretensjoni dedotta f'din il-kawża. Jgħid li din l-interpretazzjoni tagħti lok għal-leżjoni tad-dritt fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq għax toħnoq l-access tiegħu għall-qorti.

8. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li l-urġenza li jagħmel referenza għaliha l-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta mhux applikabbli. Jgħid li għalkemm l-Ewwel Qorti bbażat l-argument tagħha fuq il-fatt li ma kien hemm l-ebda talba sabiex il-kawża tinstema' b'urġenza, din l-urġenza toħroġ ċara mill-fatt li l-Artikolu 469A(3) jipprovdi għall-terminu ta' sitt xhur preskrizzjoni meta persuna titlob it-tħassir ta' att amministrattiv. Jgħid li l-urġenza msemmija fl-Artikolu 460 mhijiex urġenza biex kawża tinqata' iżda biex kawża tinbeda, għaliex din l-eċċezzjoni hija intiża sabiex wieħed ma jinqabadx f'taqbida proċedurali u minħabba li ma jkollux biżżejjed ħin jispiċċa b'kawża nulla.

9. Permezz tat-tielet aggravju l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li l-eżenzjoni maħsuba fil-proviso tat-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 460 mhijiex applikabbli f'dan il-każ. L-appellant jargumenta li l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta joħloq proċedura partikolari u jistabbilixxi terminu perentorju ta' sitt xhur li fih tista' ssir azzjoni u għalhekk m'hemmx bżonn li tiġi mibgħuta interpellazzjoni qabel ma tiġi ntavolata l-kawża. Jgħid li din l-interpretazzjoni tal-Ewwel Qorti tfisser li fil-verita` huwa għandu sitt xhur neqsin għaxart ijiem.

10. Il-konvenuti jwieġbu li rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni mhuwiex il-forma preskritta sabiex issir id-debita interpellazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jargumentaw li l-għażla tal-appellant li jintavola l-kawża qabel ma ġie deċiż il-mandat ta' inibizzjoni kienet żbaljata għaliex l-għoxrin ġurnata imposti mill-Artikolu 843 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huma intiżi li jiskattaw mill-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni u mhux mal-ġurnata li r-rikors jiġi ntavolat. Jargumentaw li f'dan il-każ ma kienx hemm il-ħtieġa li l-kawża tiġi ntavolata *entro* t-terminu ta' għoxrin ġurnata proprju għaliex il-mandat ta' inibizzjoni ġie miċħud, u għalhekk il-proċeduri odjerni huma separati mill-mandat ta' inibizzjoni li ġie miċħud u għaldaqstant kellhom jiġu preċeduti b'ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju sabiex jevitaw in-nullita` proċedurali li jimponi l-Artikolu 460. Iżidu li t-talbiet kif impostati fil-mandat ta' inibizzjoni huma differenti minn dawk li saru f'din il-kawża u għalhekk żgur li dak il-mandat ma jistax iservi bħala forma ta' interpellazzjoni ġudizzjarja.

11. L-appellati jargumentaw li l-obbligu ta' interpellazzjoni kkontemplat fl-Artikolu 460 bl-ebda mod ma jxejjen it-terminu ampju ta' sitt xhur li jipprevedi l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u jżidu li l-ġurisprudenza tikkonferma li anke fil-każ ta' kawża ntavolata *ai termini* tal-Artikoli 469A teħtieġ li tiġi preċeduta bl-interpellazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

12. Dwar il-kwistjoni ta’ urġenza l-appellati jargumentaw li f’dan il-każ ma teżisti l-ebda urġenza. Jgħidu li l-ittra għat-tneħħija taċ-ċittadinanza nħarġet fit-2 ta’ Diċembru 2019, u l-mandat ta’ inibizzjoni ntavolat mill-attur ġie miċħud fil-31 ta’ Diċembru 2019. Jgħidu li għalhekk li kieku l-attur intavola ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju fil-bidu ta’ Jannar huwa seta’ jintavola l-kawża odjerna f’nofs Jannar u għalhekk *entro* t-terminu ta’ sitt xhur previst fl-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

13. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> “Jirrizulta illi fis-6 ta’ Dicembru 2019 l-attur ipprezenta Mandat t’Inibizzjoni u fis-26 ta’ Dicembru 2019 intavola l-proceduri odjerni. Id-digriet minn din il-Qorti diversament preseduta dwar ir-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni inghata fil-31 ta’ Dicembru 2019 fejn il-mandat gie michud. L-attur jinsisti li galadarba huwa intavola mandat ma kienx hemm il-htiega li jintavola ittra ufficjali qabel jintavola l-kawza odjerna.
>
> L-attur jaghmel referenza ghas-sentenza J.P. Cole vs. Malta Industrial Parks Ltd (Cit Nru 547/2008 AE) deciza mill-Qorti Civili, Prim’Awla fit-28 ta’ Marzu 2012.fejn il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjoni:
>
>> “Fil-fehma tal-qorti l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 ghandu jigi nterpretat fis-sens li wara r-rikors ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni, m’hemmx ghalfejn li l-Gvern joqghod jerga’ jigi notifikat b’ittra ufficjali jew protest qabel tigi prezentata l-kawza ghall-jedd pretiz. L-ghan tal-Artikolu 460 hu li jaghti avviz lill-Gvern bil-pretenzjoni li tkun qeghda ssir, qabel persuna tipprocedi b’kawza jew titlob il-hrug ta’ mandati kawtelatorji. Il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) [Imhallef Philip Sciberras] osservat: “Issa wiehed logikament jifhem illi l-iskop li l-ligi tinsisti b’tant rigur ghan-notifika b’ittra ufficjali jew protest huwa dak li l-parti taghti lill-Gvern, korp jew il-persuna b’kariga pubbblika avviz tal-intendiment taghha li behsiebha tazzjonah biex dan minn naha tieghu jkollu opportunita` fi zmien prefiss ta’ ghaxart ijiem joffri rimedju jew soluzzjoni ghal vertenza sorta bejniethom.”.”
>
> F'dik il-kawza pero' it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kienet intlaqet u allura l-Qorti iddeciediet illi una volta l-mandat intlaqa' ma kienx mehtieg li sussegwentement jigu prezentati ittra ufficjali jew protest gudizzjarju stante li akkolt il-mandat beda jiddekorri t-terminu

tal-ghoxrin gurnata mpost fl-Artikolu 843 (1) tal-Kapitolu 12 li hija sitwazzjoni li taghti lok ghall-ezenzjoni msemmija fil-proviso tat-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 460. Dan il-hsieb johrog aktar car fis-sentenza Jac Steel Ltd vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et (Cit Nru 410/2015 JRM) deciza millQorti Civili Prim'Awla fit-2 ta' Marzu 2016 fejn inghad li

> "il-Qorti hija tal-fehma li ladarba l-kawża kienet ir-riżultat dirett u meħtieġ tal-ilqugħ tal-Mandat ta' Inibizzjoni mitlub minn Jac, ma jidhirx li kien meħtieġ li din terġa' tinterpella lill-Kummissarju mħarrek b'att ġudizzjarju qabel fetħet il-kawża. Ladarba l-Mandat ta' Inibizzjoni ntlaqa' hija l-liġi nnifisha li tiddetta ż-żmien li fih il-kawża jmissha tinbeda biex l-effetti tal-Mandat ma jintilfux [Art. 843(1) tal-Kap 12]. Għalhekk, jidher li bis-saħħa tal-ħruġ tal-Mandat, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 460(1) ma jibqgħux jgħoddu għaliex f'każ bħal dan "għandha tiġi mħarsa proċedura partikolari, magħdud terminu jew żmien ieħor ... u l-imsemmija proċedura, magħdud kull terminu jew żmien ieħor, għandha tapplika u tiġi mħarsa minflokhom" [Art. 460(2) proviso tal-Kap 12];"

Fil-kaz odjern, ir-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni gie michud. Din il-Qorti tosserva wkoll li l-attur ma stenniex li jinghata d-digriet fuq ir-rikors tieghu ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni izda ghazel li fil-mori ta' dawk il-proceduri jintavola l-kawza odjerna.

Hemm distinzjoni netta bejn il-fatti tas-sentenza li ghaliha saret referenza mill-attur ghall-fatti tal-kaz odjern. Filwaqt li l-Artikolu 843 fil-kaz odjern ma japplikax ghaliex ir-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni gie michud, l-attur ma jistax juzufruwixxi mill-proviso tat-tieni sub-artikolu. Is-sottomissjoni tal-attur illi id-dispost tal-Artikolu 460 ma japplikax ghax gie ntavolat rikors ghall-hrug ta' mandat t'inibizzjoni ma hux legalment fondat.

Maghdud ma' dan, l-Artikolu 460 jippreciza li l-att li ghandu jigi intavolat huwa jew protest gudizzjarju jew ittra ufficcjali, ghaldaqstant huwa evidenti li rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'hijiex il-forma preskritta fl-imsemmi artikolu. Din l-osservazzjoni ssir ukoll fid-dawl ta' dak li tghid il-ligi u cioe li f'dak l-att "il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar". B'dan, il-Qorti tifhem li mhux kull att gudizzjarju jkun jghodd bhala 'twissija' lill-awtorità pubblika ghall-finijiet tal-imsemmi artikolu, izda trid issir talba jew interpellazzjoni li tfisser sewwa x'inhu l-ilment li l-mittenti jistenna li l-awtorita' intimata tindirizza.

L-atturi jissottomettu wkoll illi huwa ma pprezentax ittra ufficjali qabel intavola l-kawza odjerna ghaliex il-mertu huwa wiehed urgenti. Però l-Qorti tosserva li fil-proceduri odjerni il-kawza hadet il-kors normali taghha u l-attur qatt ma ressaq, la kontestwalment mal-prezentata tal-kawza u lanqas sussegwentment, xi talba sabiex il-kawza tinstema bl-urgenza. Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi ma jirrizzultawx l-estremi ghall-applikazzjoni tal-Art 460 (2) (d).

Imiss issa li jigi trattat it-tielet raguni imressqa mill-attur sabiex jirribatti l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti cioe li l-artikolu 460 ma japplikax ghall-

azzjonijiet imsejsa fuq l-Artikolu 469A stante li hija azzjoni li ghaliha tghodd l-ezenzjoni mahsuba fil-proviso tat-tieni sub-artikolu tal-imsemmi artikolu, ladarba hija waħda li l-ligi tapplika procedura partikolari u tigi mharsa minflokom. Il-konvenuti min-naha taghhom jirribattu tali sottomissjoni billi jirritjenu li "d-debita interpellazzjoni previst fl-artikolu 460 u l-obbligu illi l-parti tistenna ghaxart'ijiem (10) qabel ma tintavola l-kawza ma ixxejjen bl-ebda mod terminu ampju ta' sitt (6) xhur li jipprevedi l-artikolu 469A tal-Kap 12. Li kieku wiehed japplika r-ragunament tal-attur, l-artikolu 460 jispicca fix-xejn ghaliex kull azzjoni hija marbuta b'terminu ta' preskrizzjoni."

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Godfrey Ciangura vs. Ministeru tal-Intern u Affarijiet Parlamentari et (Cit Nru 155/2012 JRM) deciza fis-16 ta' Mejju 2019 fejn gie ritenut li

> "Il-fatt li l-artikolu 469A(3) jimponi żmien ta' dekadenza li fih trid titressaq azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju dwar azzjoni amministrattiva ma jfisser bl-ebda mod li b'daqshekk biss jitneħħa l-obbligu tal-parti attriċi li tinterpella lill-awtorità pubblika bil-mod maħsub fl-artikolu 460(1) qabel ma tiftaħ il-kawża."

Sentenza ohra li qieset li hemm il-hteiga li jigi segwiet l-Artikolu 460 f'azzjonijiet ta' stharrig gudizjzarju hija d-decizjoni fl-ismijiet Fish and Fish Co Ltd vs. L-Onorevoli Ministru ghall-Izvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima et (Rik Gur Nru 334/2016 MCH) deciza mill-Qorti Civili Prim Awla fid-29 ta' Marzu 2019 fejn gie ritenut li "l-azzjoni intentata taht l-artikolu 469A taqa' fil-parametri ta' azzjoni kif irid l-artikolu 460 billi mhix wahda mill-proceduri ezentati skond l-artikolu 460(2)"

Din il-Qorti taqbel mal-gurisprudenza appena citata u ma tara l-ebda raguni valida ghaliex ghandha tiddipartixxi minnha. Ghaldaqstant tiddikjara u tiddeciedi li qabel tigi ntavolata azzjoni ghal stharrig guddizjarju taht l-Artikolu 469A jehtieg li qabel tigi pprezentata wahda mill-atti msemmija fl-Artikolu 460.

Galadarba ma tharsitx il-procedura imsemmija fl-Artikolu 460 (1) tal-Kapitolu 12, l-azzjoni tal-attur ma tiswiex u ghalhekk din il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti".

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

14. Dan huwa appell minn sentenza *in parte* dwar eċċezzjoni preliminari mogħtija mill-konvenuti li l-azzjoni odjerna hija nulla peress li

l-attur naqas milli jintavola d-debita interpellazzjoni skont l-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta qabel ma ntavola din il-kawża. Mhuwiex kontestat fil-fatt li qabel ma ntavola din il-kawża l-attur ma preżentax ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju kontra l-konvenuti f'din il-kawża. L-attur isostni pero` li fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma kienx hemm ħtieġa li jintavola ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju *in vista* tal-eċċezzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu 460.

15. Il-Qorti tibda billi tirrileva li huwa żbaljat l-argument tal-attur li l-mandat ta' inibizzjoni maħruġ minnu jservi bħala forma ta' interpellazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Artikolu 460 jipprovdi b'mod ċar li l-unika forma ta' interpellazzjoni li tissodisfa l-ħtieġa ta' interpellazzjoni imposta fl-istess artikolu hija ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju. Għalkemm huwa minnu li m'għandux ikun hemm formaliżmu esaġerat, f'dan il-każ il-kelma tal-liġi hija ċara u ma tħalli l-ebda lok għall-interpretazzjoni. Il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li t-terminu ta' għoxrin ġurnata applikabbli fejn ikun hemm mandat kawtelatorju ma jaqax taħt l-eċċezzjoni provduta fl-Artikolu 460 (2) f'dan il-każ. Dan għaliex dan it-terminu jsir applikabbli biss jekk il-mandat ta' inibizzjoni jiġi milqugħ. Għalhekk, peress li l-attur intavola din il-kawża waqt li d-deċiżjoni dwar il-mandat ta' inibizzjoni kienet għadha pendenti dan it-terminu kien għadu ma daħalx fis-seħħ, u sussegwentement baqa' inapplikabbli peress li t-talba tal-attur għall-ħruġ tal-mandat ġiet miċħuda.

Huwa żbaljat l-argument tal-attur li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni ħażina għaliex ibbażat il-konsiderazzjonijiet tagħha fuq għarfien li huwa ma kellux meta ntavola l-kawża, u ċioe` li l-mandat ġie miċħud. Fil-mument li ntavola l-kawża kien irrelevanti jekk il-mandat kienx ser jintlaqa' jew le; it-terminu ta' għoxrin ġurnata kien għadu ma skattax u għalhekk dan it-terminu ma kellu l-ebda relevanza għall-finijiet tal-Artikolu 460(2).

16. Din il-Qorti ma taqbilx pero` li l-azzjoni tal-attur hija nulla għaliex ma ntavolax ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju qabel ma ntavola din il-kawża. Il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza **Mark Formosa v. Segretarju Permanenti** (8/19) 20.7.20:

> *"24. Illi ghalkemm l-ghan illi l-Gvern jigi notifikat bl-allegati nuqqasijiet tieghu sabiex jinghata l-opportunita li jirrmedjahom huwa wiehed legittimu u permissibli, is-sanzjoni ta' nullita`` imposta f'dan l-artikolu anke ghall- icken nuqqas fl-osservanza tar-regoli imposti, partikolament meta moqrija fid-dawl tal-gurisprudenza tal-qrati li mhux biss hija inkonsistenti izda aghar minn hekk li frekwentement ixxaqleb lejn formalizmu eccessiv, twassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni illi din is-sanzjoni tmur oltre mill- ghan illi dan l-artikolu huwa intiz li jservi u tiehu aktar is-sura ta' ostakolu ghall-otteniment ta' rimedju da parti tac-cittadin ghall-pretensjoni tieghu fil-konfront tal-Istat. Il-konsegwenza ta' nullita`` prevista mill-ligi, mehuda flimkien mal-formalizmu esagerat li bosta drabi jigi adoperat mill-qrati, iwassal ghar-riskju mhux biss ta' multiplicita tal-kawzi, li suppost qed jigu evitati permezz ta' dan l-artikolu, izda wkoll it-telfien permanenti ta' jedd sostantiv da parti tac-cittadin li kif jirrizulta mill-gurisprudenza citata aktar il-fuq huwa impermissibli ghaliex limitazzjonijiet ghad-dritt ta' access ghall-qorti ma jistghux ifixxklu l-essenza innifsha ta' dan id-dritt. Dan multo magis f'kawzi ta' stharrig gudizzjarju fejn l-Artikolu 460 jista' jkollu konsegwenzi devastanti fuq ic-cittadin billi, in vista tat-terminu ta' dekadenza qasir ta' sitt xhur, iwassal ghal konsegwenza li l-kwistjoni fil-mertu ma tigi mistharrga qatt".*

Għalkemm dan l-insenjament kien in konnessjoni ma' kawża kostituzzjonali l-iskop wara Art. 460 hu li jagħti lill-Gvern l-opportunita` li jkun jaf x'inhi l-pretensjoni tal-attur u sabiex ikun jista' jindirizza l-ilment tal-attur qabel issir il-kawza.

Dak l-iskop intlaħaq bir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni u għalhekk il-Gvern m'għandux jingħata vantaġġ bla bżonn.

Dan hu provvediment li jagħti opportunita` lill-Gvern li jqajjem kwistjonijiet ta' proċedura li jwasslu għan-nullita` ta' kawża, u għandu jiġi applikat u interpretat b'mod restrittiv. Speċjalment f'kawżi fejn il-Gvern jiġi mħarrek f'kawża dwar stħarriġ ta' għemil amministrattiv.

17. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-appell tal-attur huwa fondat.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-attur appellant, tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata permezz ta' liema l-Ewwel Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti u minflok tiċħad l-istess eċċezzjoni u tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti għall-prosegwiment tal-kawża.

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm